# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 26 ta' Ġunju, 2025**

**Numru: 6**

**Rikors Numru: 742/2019/1 TA**

**Francis Bellia**

**v.**

**Saviour Agius**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-konvenut Saviour Agius kontra sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-16 ta' Novembru, 2023, li permezz tagħha sabet lill-konvenut responsabbli għall-inċident li seħħ fit-30 ta' Mejju, 2018, fis-sit ta' kostruzzjoni proprjetà tal-istess konvenut u għad-danni mġarrba mill-attur bħala konsegwenza tal-istess inċident. Il-Qorti llikwidat l-ammont ta' €66,205 bħala danni u

kkundannat lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' €66,205 bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, bl-ispejjeż tal-kawża.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fid-29 ta' Lulju, 2019, l-attur fisser li fit-30 ta' Mejju, 2018, waqt li huwa kien preżenti f'sit ta' kostruzzjoni li jinsab ġewwa Triq Santa Rita, kantuniera ma' Sqaq Karla f'Birkirkara, ġarrab korriment serju meta waqa' minn għoli ta' iktar minn żewġ sulari f'xaft ta' *lift* li ma kienx magħluq u li ma kellu ebda lqugħ protettiv.

3. L-attur ikompli jfisser li l-konvenut Saviour Agius, magħruf bil-laqam tiegħu 'Is-Selvaġġ', huwa l-proprjetarju tas-sit ta' kostruzzjoni mertu tal-inċident, kif ukoll kien il-persuna responsabbli għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni fuq l-imsemmi sit, billi kien ikun preżenti kuljum u jwettaq ħafna mix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni hu stess.

4. Jissokta jgħid li l-konvenut Saviour Agius kien regolarment jitolbu l-għajnuna fix-xogħol ta' kostruzzjoni f'dan l-istess sit, u sabiex jaqdih f'dak kollu li jkun meħtieġ peress li l-attur, b'karriera fis-sengħa tal-bini, kien fiżikament b'saħħtu ħafna.

5. L-attur jgħid li minkejja li kemm-il darba nġibdet l-attenzjoni tal-konvenut li s-sit ma kienx sigur skont il-liġi, dan baqa' inadempjenti u

ppersista fl-illegalitajiet tiegħu b'indifferenza assoluta għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u tal-attur li kienu jkunu regolarment f'dan is-sit.

6. L-attur ifisser li l-konvenut kien preżenti fil-mument li seħħ l-inċident, kif kienu wkoll ħaddiema oħra, iżda wara l-inċident ħarbu jiġru minn fuq il-post u ma dehrux iktar. Barra minn hekk, jgħid li filwaqt li l-konvenut kien jaf sew bil-gravità tal-inċident, ladarba l-attur ma ċċaqlaqx wara l-waqgħa, l-istess konvenut ħalla lill-attur għall-mewt billi naqas li jsejjaħlu l-ewwel għajnuna jew iċempel lis-servizzi ta' emerġenza!

7. Jingħad mill-attur li mill-mument tal-inċident sal-ħin li l-familjari tiegħu marru fuq il-post, kienet għadha ma ssejħitx l-ewwel għajnuna u kienu fil-fatt l-istess familjari li kellhom iċemplu l-emerġenza u li fil-preżenza ta' dawn il-familjari, il-konvenut saħansitra rrifjuta li t-telefonata għall-għajnuna ssir mit-telefon ċellulari tiegħu.

8. L-attur ikompli jfisser li minħabba n-natura serja tal-inċident, huwa kien fil-periklu tal-mewt u kellu jiġi operat b'urġenza, b'konvalexxenza twila fl-Isptar *Mater Dei*. Jgħid li b'konsegwenza ta' dan l-inċident huwa ġarrab korriment gravi u danni kbar fuq il-persuna u l-integrità fiżika tiegħu li wasslitu għal diżabbiltà permanenti sostanzjali.

9. L-attur jgħid li minkejja li kellu 65 sena meta seħħ l-inċident, ma kellu ebda kundizzjoni medika preċedenti u fil-fatt kien għadu f'saħħtu u

jaħdem xogħlijiet differenti li kien jagħtih l-istess konvenut, fost l-oħrajn. Huwa kien ukoll isuq b'mod normali, u jieħu ħsieb lil martu li ilha b'kundizzjoni medika għal diversi snin, u lin-neputijiet tiegħu, billi jwassalhom u jgħaddi għalihom l-iskola, jagħmel ix-xiri għad-dar u kien jagħmel ħafna qadi ieħor tal-familja tiegħu.

10. L-attur ifisser li, mhux biss kien ifendi għall-bżonnijiet kollha tiegħu u ta' martu, iżda kien għadu jaqla' l-għajxien tal-familja u jaqdi funzjoni ekonomika essenzjali għal familtu li għandu valur sostanzjali iżda b'kawża tal-inċident inkwistjoni, is-saħħa, il-kwalità tal-ħajja tal-attur u ta' familtu, kif ukoll l-aspettattivi kollha ta' ħajtu ntilfu b'mod permanenti, hekk kif sar dipendenti fuq ħaddieħor sabiex jaqdi l-aktar affarijiet bażiċi tiegħu.

11. Huwa jkompli jfisser li dan l-inċident seħħ unikament minħabba negliġenza, traskuraġni, u nuqqas ta' prudenza u tħaris tar-regolamenti bażiċi tas-saħħa u s-sigurtà u li minkejja li l-konvenut ġie interpellat sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni mġarrba permezz ta' ittra uffiċjali, dan kollu kien ta' xejn. Minħabba f'hekk, l-attur *nomine* ressaq din il-kawża u talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Tiddikjara li l-konvenut huwa unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fit-30 ta' Mejju 2018, fis-sit ta' kostruzzjoni suespost proprjetà tal-istess konvenut, u għad-danni kollha diretti u konsegwenzjali, preżenti u futuri, subiti mir-rikorrent bħala riżultat ta' dan l-inċident;*
>
> *2. Tillikwida dawn id-danni favur ir-rikorrent okkorendi bl-opra ta' esperti u periti nominati għal dan il-għan;*

*3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lir-rikorrent dawk id-danni li jiġu hekk likwidati flimkien mal-ispejjeż kollha u l-imgħaxijiet legali, kompriżi dawk tal-Ittri Uffiċjali numru 3627/2018 u tal-preżenti.»*

12. Il-konvenut Saviour Agius ressaq ir-risposta maħlufa tiegħu fit-22 ta' Novembru, 2019, li permezz tagħha eċċepixxa:

«*1. Illi l-ewwel talba tar-rikorrent hija infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda u dan sta'nte illi, ir-rikorrent huwa unikament responsabbli għall-Inċident de quo, liema inċident seħħ unikament bi ħtija u negliġenza tar-rikorrent stess, meta' daħal f'sit ta' kostruzzjoni attiva mingħajr awtorizzazzjoni u jew/permess tas-sid.*

*2.Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-tieni talba għandha tiġi miċħuda peress illi id-danni li sofra ir-rikorrent huma kawża tal-aġir negliġenti tal-istess rikorrent.*

*3.Illi t-tielet talba tar-rikorrent għandha tiġi miċħuda u dan għaliex l-intimat m'għandux jiġi kostrett iħallas ebda danni fil-konfront tar-rikorrent li għalihom mhuwiex responsabbli.*

*4.Salv eċċezzjonijiet ulterjuri premessi mil-liġi; bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.*»

13. Permezz tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-16 ta' Novembru, 2023, il-kawża ġiet deċiża fis-sens, li laqgħet it-talbiet attriċi u ddikjarat lill-konvenut responsabbli għall-inċident li seħħ fit-30 ta' Mejju, 2018 fis-sit ta' kostruzzjoni proprjetà tal-istess konvenut. Sabet ukoll lill-konvenut responsabbli għad-danni mġarrba mill-attur b'konsegwenza tal-istess incident, u llikwidat id-danni fl-ammont ta' €66,205 u kkundannat lill-konvenut iħallas dan l-ammont lill-attur, bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv. L-ispejjeż jinġarru mill-istess konvenut.

14. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi hekk kienu dawn:

*«10. Il-Qorti għandha qabel kollox tqis jekk l-Attur jaħtix għall-inċident u ċjoè il-kwistjoni ta' responsabbiltà. Jekk il-Qorti ssib li huwa hekk responsabbli għal kollox jew fi grad partikolari, allura wara tgħaddi biex tillikwida d-danni sofferti mill-Attur.*

*<u>Ir-responsabbiltà tal-inċident</u>*

*11. Jibda mill-ewwel biex jingħad li mill-provi prodotti rriżulta li l-konvenut ma huwa xejn tal-galbu f'xogħlu anke jekk fl-aħħar tal-Kawża ressaq ammont ta' xhieda biex jipprova l-kuntrarju bħalma huwa Emmanuel Farrugia electrician, Carmel Calleja u l-Perit David Psaila (Ara a fol 564 sa 568).*

*12. Il-Perit Richard Aquilina mqabbad mill-Qorti fl-inkjesta kkonkluda li <u>"kien hemm nuqqas min-naħa tal-bennej</u> li ma żammx il-grada msakkra". Għalkemm jgħid ukoll li "Min-naħa l-oħra, Francis Bellia ma kienx postu li jidħol fuq dak il-lant tax-xogħol." (Enfasi tal-Qorti a fol 81). Fuq mistoqsija tal-Qorti, Keith Debono site manager, għaliex ħass li kellu jitlaq jixhed hekk: "l-Affarijiet bħala safety ma kinux jittranġaw kif xtaqt jiena sal-aħħar…". Dan ix-xhud jispjega kif anke s-safety wear il-konvenut kien jinjora (a fol 92). Ix-xhieda ta' Norbert Ciappara, spettur tal-OHSA, hija wkoll riflessjoni dwar kemm il-konvenut kien bniedem li bħal donnu għalih is-saħħa tal-ħaddiem fuq ix-xogħol ftit li xejn kellha valur. Dan jirriflettih anke Keith Debono kif ser naraw 'il quddiem.*

*13. Għalhekk meta l-Qorti qieset sewwa l-provi mressqa ma rriżultalha xejn minn dak li qalu x-xhieda fuq imressqa mill-konvenut. Hu stess ma kienx jieħu ħsieb li jilbes l-ilbies protettiv aħseb u ara kemm kien jinteressah f'ħaddieħor. Huwa bniedem fejn mal-ewwel okkażjoni li jkollu ma jirrispettax dak li tiddetta l-liġi. Di fatti, meta Norbert Ciappara mar it-tieni darba fuq il-post sab żewġ ħaddiema qegħdin jistaħbu għaliex ma jidhirx li kienu reġistrati mal-Jobs Plus (a fol 150). Daqshekk jagħti każ il-liġi l-konvenut.*

*14. B'danakollu ma jfissirx li sa hawn għandu jkun misjub responsabbli għall-inċident għaliex għad irid ikun stabbilit in-ness kawżali, jiġifieri l-aġir tal-konvenut bħala l-kawża tad-danni li soffra l-Attur. Biex ikun hemm lok għad-danni hu imprexxindibilment meħtieġ li jkun hemm ness ta' kawżalità bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuża. Hekk jinsab affermat illi "perché possa una persona ritenersi responsabile per danni fa mestieri che chi reclami l'indennizzo riesca a provare non solo l'atto o l'omissione colposa del denunciato, ma altresi che l'atto o la omissione colposa abbia avuto il nesso di causa ad effetto col pregiudizio sofferto dall'instante" (**Sentenza fl-ismijiet Giovanni Sarè -vs- Carmelo Farrugia et, Appell Kummerċjali, tas-6 ta' Frar, 1928**).*

*15. Ma hemm ebda dubbju li dakinhar tal-inċident, l-Attur tassew kien fuq is-sit proprjetà tal-Attur. Tul il-kawża l-partijiet iddibattew kemm felħu jekk dakinhar l-Attur kienx daħal fis-sit inkwistjoni bil-permess tal-konvenut Fil-verità dan ftit li xejn għandu importanza għaliex l-aktar li jista' jirrifletti fuq il-grad ta' responsabbiltà u mhux fuq l-eżoneru komplet tal-konvenut mill-akkadut. Di fatti l-Perit Aquilina stabilixxa li hemm responsabbiltà għaliex tħalliet miftuħa l-grada b'mod li kulħadd seta' jidħol f'sit li kien għadu taħt kostruzzjoni bil-perikoli li jirrappreżenta. Setgħu kienu tfal li qegħdin jilgħabu u daħlu javventuraw ta' tfal li huma. Di fatti l-Perit Richard Aquilina ukoll jgħid li post l-Attur ma kellux ikun hemm. Iżda din l-aħħar osservazzjoni għandha valur biss jekk l-Attur kien hemm mingħajr il-kunsens tal-konvenut u dan biss ai fini ta' apporzjonament ta' responsabbiltà.*

*16. Iżda wara li din il-Qorti eżaminat sewwa l-provi, il-preponderanza tagħhom kollha jippontaw lejn il-fatt, li kienet ħaġa abitwali li l-Attur jidħol fis-sit, issa għal ħaġa u issa għall-oħra. Ġieli daħal biex jitlob xi għodod jew materjal lill-konvenut u dan kif jammetti l-istess konvenut u kif ukoll biex jagħmillu belgħa te jew kafè.*

*17. Jonathan Calleja, ħaddiem mal-konvenut, jgħid ċar u tond li l-Attur, misjub bil-laqam tal-Ginger, <u>kien jiġi ta' spiss fuq il-post</u> (a fol 145). Fl-atti tal-inkjesta il-Perit inkarigat mill-Qorti stabbilixxa, li skont ma qallu l-konvenut dan għaraf lill-Attur għax ta' spiss kien imur hemm u joqgħod jgħid xi kelma miegħu u li infatti huwa kien jaf anke fejn joqgħod u li mill-ewwel mar iħabbat fir-residenza tiegħu li tinsab fil-viċin (a fol 78).*

*18. Isabelle Bellia tikkonferma li de propio taf li missierha kien jagħmel xi te u anke xogħol għall-konvenut (a fol 37). Rose Bellia, il-mara tal-Attur, ukoll tirrakkonta kif dakinhar l-Attur mar jieħu t-te lill-konvenut. Li kien hemm drabi li tassew kien jieħu t-te lill-konvenut huwa minnu għaliex anke huwa stess jikkonferma dan fl-inkjesta (a fol 134). Fit-tielet eċċezzjoni l-konvenut stess jammetti "li l-uniku raġuni li <u>kien ikun fil-viċinanzi</u> tas-sit inkwistjoni kien biex jitlob lill-intimat biex jipprovdilu xi materjal b'xejn jew jisilfu xi għodda". (a fol 23 tergo). Il-Qorti tista' tiċċita xhieda oħra li kollha jindikaw li l-Attur mhux biss kien ikun fil-viċinanzi tas-sit iżda addirittura kien jaċċedi għalih bil-liberalità kollha u bil-kunsens tal-konvenut, anke jekk wara l-inċident jipprova jilgħabha li dakinhar ma kienx jaf bil-preżenza tiegħu.*

*19. Stabbilit li l-Attur kien ikun preżenti fuq is-sit, imiss li jiġi stabbilit li jekk dak li ġralu jwassalx għar-responsabbiltà tal-konvenut.*

*20. Keith Debono, is-site manager inkarigat mill-konvenut fost oħrajn għal health and safety, ma kompliex aktar bl-inkarigu wara l-inċident. Fuq mistoqsija tal-Qorti għaliex ħass li kellu jitlaq jixhed hekk: "l-Affarijiet bħala safety ma kinux jitranġaw kif xtaqt jiena sal-aħħar. Jiġifieri ma xtaqtx li, ma kienx hemm qisu dik il-kommunikazzjoni ta' safety minn naħa, ngħidilhom jagħmlu xi ħaġa mhux dejjem issir …" (a fol 92 tergo).*

*Fuq mistoqsija tal-Qorti x'rakkomandazzjonijiet kien jagħmel iwieġeb "Li jsiru l-guard rails. Ir-railings <u>biex biedem ma jaqax</u>" (Enfasi tal-Qorti a fol 96 tergo). Ikompli jixhed li waħda mir-raġunijiet li telaq kienet minħabba rakkomandazzjonijiet li għamel "<u>Fuq falls from height</u>." Din kienet l-aktar gravi. (Emfażi ta"l-Qorti a fol 100).*

*21. Jonathan Zammit miżżewweġ lil waħda mit-tfal tal-Attur, jgħid li meta mar fuq il-post dakinhar tal-inċident Keith Debono jixhed hekk: "Għidlu (recte 'għedtlu') li waqa' l-kunjatu qalli kont għidtlu biex jagħmilhom dawk il-ħadid jew injam whatever fix-shaft. Avolja dik tiġi minn bniedem biex jagħmilhom biċċtejn injamiet. Dan qed ngħidu €10 injama ta (a fol 109 tergo). Keith Debono jkompli jixhed li b'mod ġenerali "<u>Ma kienx hemm ilqugħ</u>" (Emfażi tal-Qorti a fol 115). Jgħid ukoll li kien hemm drabi meta kien jiġbed l-attenzjoni tal-konvenut biex jieħu xi prekawzjonijiet u meta kien jerġa' jmur fuq il-post isib li ma sar xejn. Bħal dawn l-istanzi ma kienx hemm ftit. Kien jgħidlu li jrid jagħlaq (a fol 116).*

*22. Iżda kieku din ix-xhieda ma kinitx biżżejjed, dik ta' Norbert Ciappara, spettur tal-OHSA, tikkonferma l-preokkupazzjoni li kellu Keith Debono. Dan mingħajr kantunieri u tlaqliq jgħid hekk:*

*"….eżaminajt ir-rapporti li kien għaddieli Saviour Aguis, fejn irrid ngħid ukoll li jidher li minn fejn allegatament waqa s-Sur Francis Bellia, jidher mir-ritratti fir-rapport ta' Keith Debono jidher li hemm żewġ injamiet <u>però dawn iż-żewġ injamiet imwaħħlin fuq in-naħa ta' barra u mhux ta' ġewwa."</u> (Enfasi tal-Qorti a fol 149 u 152 tergo). In kontro eżami jgħid "Jiena għalija kieku kont qed narah jiena, kieku nkun fuq inspection u narah ngħidlu aqilgħu minn hemm u itfgħu fuq ġewwa" (a fol 794 tergo). Minn hawn jidher li għall-konvenut kollox kien jgħaddi.*

*23. Tajjeb li jingħad li dan ix-xhud kemm-il darba jisħaq "Irrid ngħid ukoll li dak iż-żmien [kien] applikabbli l-Avviż Legali 281[li] kien jindika li jkun hemm ilqugħ prottetiv biżżejjed illi jilqa' lil dak li jkun milli jaqa'. Imbagħad kienet ġiet emendata l-liġi dik is-sena stess f'Awwissu 2018 tramite l-avviż legali 88 tas-sena 2018 artikolu 5.5 tal-iskeda B" (a fol 149 tergo). Dwar din il-kwistjoni jerġa' jgħid in kontroeżami "Għax kien hemm problema fil-Qorti hux għax il-leġislatur ma kienx ċar fl-ewwel liġi allura ħassejna li kellna ngħaddu rakkomandazzjoni tagħna allura l-leġislatur ħass li kellu ovvjament jerġa', <u>għax is-sens komun jiktbu fil-liġi. Għax is-sens komun jgħidlek jekk inti ħa taghmel ilqugħ, l-ilqugħ irid ikun jilqgħek.</u> Imma l-liġi kienet dik". (Enfasi tal-Qorti a fol 794 tergo).*

*24. Issa din il-Qorti hija tal-fehma, li biex persuna tinstab responsabbli għall-inċident tassew trid tkun kisret xi norma tal-liġi. Din tista' tkun waħda speċifika jew ġenerali. Il-ksur ta' regola taħt regolament huwa ksur speċifiku iżda dak ġenerali li jiddetta s-sens komun dan jitnissel min-normativa taħt artikolu 1031 li f'sens ġenerali jesiġi l-artikolu 1032:*

> *"(1) Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familija.*

> *(2) Ħadd ma jwieġeb, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi, għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta' prudenza, ta" diliġenza jew ta' ħsieb fi grad akbar."*

*25. Minn subartikolu 2 jirriżulta ċar li biex dak li jkun jirrendi lilu nnifsu responsabbli taħt subartikolu wieħed ma hemmx bżonn ikun hemm xi regola miktuba. L-assenza ta' normativa miktuba tinnewtralizza biss il-grad akbar ta' ħtija.*

*26. Għalhekk minn eżami tal-fatti li għandha quddiemha din il-Qorti jirriżulta ċar li l-konvenut huwa responsabbli għal dak li ġara lill-Attur. Huwa ċar li l-fatt li l-injam minn fejn waqa' l-Attur kien imsammar minn barra dan kien jipperikola lil kull min b'xi mod jistrieħ miegħu. Hekk ċara fil-każ odjern u dan minkejja li l-konvenut kien imwissi kemm-il darba biex jagħlaq kull fejn kien hemm perikolu simili, kif tant jixhed Keith Debono.*

*27. Għalhekk il-konvenut irid iwieġeb għall-ħsara li sofra l-Attur.*

*<u>Likwidazzjoni tad-danni</u>*

*28. Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili li taqsam id-danni f'żewġ aspetti: id-danni attwali (damnum emergens) u t-telf ta' qligħ futur (lucrum cessans).*

*29. Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inċiż 2 tal-imsemmi artikoli 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Speċifikatament, damnum emergens jikkonsisti fit-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali". Filwaqt li lucrum cessans jikkonsisti fit-"telf ta" qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib."*

*30. Ladarba kull somma hija rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti kif fuq ingħad, dan irid isir fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inċiż 2 tal-imsemmi artikoli 1045 tal-Kodiċi Ċivili:*

> *"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi mbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad tal-inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata, tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja." (Ara* ***Sentenza fl-ismijiet Paul Debono vs Malta' Drydocks, Qorti Ċivili Prim' Awla, 27 ta' April 2005****).*

*<u>Damnum emergens</u>*

*31. Id-danni attwali jemerġu minn numru ta' dokumenti li ġew esibiti (a fol 176 sa 183). Dawn jammontaw għal elfejn mija u sittax-il ewro (€2116) (Ara nota a fol 178).*

*32. Dawn huma d-danni attwali sofferti mill-Attur.*

*<u>Lucrum Cessans</u>*

*......*

*39. Dawn is-sentenzi kollha jistabbilixxu li għalkemm il-kejl normali li jimxu fuq dawn il-Qrati li jingħataw danni sal-età ta' 65 sena, din ma hiex xi regola miktuba fl-irħam u li ma hiex soġġetta għal modifikazzjonijiet. Din il-Qorti tgħid li bħalma persuna ta' età żgħira li però tkun afflitta b'multipliċità ta' kundizzjonijiet mediċi jista' jkollha l-aspettattiva għal ħajja mnaqqsa, hekk ukoll persuna li jkollha età pjuttost avvanzata minħabba l-istat tajjeb ta' saħħa qabel akkadut jista' jkollha din l-aspettattiva prolonguta lil hinn mill-età ta' 65 sena.*

*40. Il-Qorti tqis li l-Attur, qabel l-inċident kien għadu relattivament f'saħħtu minkejja li fil-mumernt tal-inċident kellu 65 sena jirriżulta li kien jagħmel diversi xogħlijiet għat-tfal u anke kif tixhed martu kien iċekċek xi ħaġa li biha kienu jissuplimentaw il-Pensjoni. Għalhekk il-multiplier li ser tuża l-Qorti fiċ-ċirkostanzi huwa dak ta' tmien snin użat mill-Qorti tal-Appell fil-każ ta' Joseph Galea fuq imsemmi.*

*41. Kwantu għal-lump sum payment, stante li l-Kawża ilha pendenti għal aktar minn tlett snin l-ammont ta' tmintax fil-mija (18%) lump sum payment għandu jkun adegwat.*

*42. Kwantu għall-perċentwal ta' diżabbiltà permanenti, il-Qorti ser tadotta l-perċentwal ta' 70% li dwaru kienu l-aktar qrib l-esperti tal-Qorti. Ir-rapport tal-espert mediku Mr. Anthony Galea Debono jistabbilixxi 75% ħsara permanenti. Jgħid hekk ukoll "As things stand now, that is 3 years after the accident, no improvement in his condition is expected. There is no possibility that Mr Bellia can ever have a gainful employment…. In addition his 'quality of life' can only be described as very poor." (a fol 220 u fol 563 jgħid li l-kundizzjoni li għandu llum hija irreversibbli). In eskussjoni dan il-Perit tal-Qorti jeskludi għalkollox li l-waqgħa hija kkawżata minn xi kundizzjoni anteċedenti għall-inċident (a fol 559 tergo u 560).*

*43. It-tabib Etienne Muscat psikjatra maħtur mill-Qorti jasal għal din il-konklużjoni: "The cognitive dysfunction suffered by Mr Bellia and which is permanent, with disturbance of memory, loss of initiative, inability to manage complex situations, with repercussions on his social and family life…. In sum, it is therefore concluded that Mr. Bellia's injury and its aftermath have led to a combined psychiatric disability of 70%." (a fol 842).*

*44. Bħala introjtu Rose Bellia mart l-Attur tgħid li kellu pensjoni ta' circa €700 fix-xahar filwaqt li llum għandhom ħafna mediċini xi jħallsu (a fol 46 tergo). Apparti dan din tgħid ukoll li kien iġib ħames jew sitt mija jew seba' mitt ewro oħra fix-xahar (a fol 47, xhieda ta" Rose Bellia). Però jirriżulta li fl-2018 bil-pensjoni u l-għajnuna supplimentari kien jirċievi b'kollox lejn l-eqreb ewro l-ammont ta' disat elef, ħames mija u tliet ewro (€9503) fis-sena. Mentri fl-2021 kien jirċievi disat elef sitt mija u tnejn u ħamsin ewro (€9652) (ara a fol 545). Peress li l-Attur kien għadu f'saħħtu u li kien jagħmel xi ċekċika ta' xogħol apparti l-pensjoni l-Qorti qed tillikwida arbitrio boni viri somma oħra ta' tliet elef ewro fis-sena biex b'hekk l-introjtu annwali tiegħu jammonta għal tnax-il elf sitt mija u ħamsin ewro (€12,650).*

*45. Kif ingħad, l-Attur minkejja l-età tiegħu, kien għadu attiv. Il-Qorti qiegħda wkoll tieħu inkonsiderazzjoni li meta persuna tkun ta' ċerta età u tkorri, il-korriment iġib miegħu aktar komplikazzjonijiet minn meta dak li jkun għadu f'età iżgħar. Dan il-fatt iċaħħad lill-persuni ta' din l-età mill-ftit pjaċiri limitati li ġġib magħha età avvanzata. L-awtur* ***John Munken*** *fil-ktieb* ***Munken on Damages for Personal Injuries and Death*** *jagħmel referenza għas-Sentenza Ingliża fl-ismijiet ta'* ***Frank -vs- Cox*** *tal-1967 u jikkwota lil* ***Sachs*** *li jgħid hekk: "I take the view that when one has a person in advancing years, in some respect of impairment of movement may perhaps be more serious than it is with a younger person. It is true that he has not got as many years before him through which he has to live with this discomfort, pain and impairment of movement. But it is important to bear in mind that as one advances in life one's pleasures and activities particularly become more restricted and any substantial impairment in the limited amount of activity and movement which person could undertake, in my view, becomes all the more serious on that account" (****Munken 12th Edition, Lexis Nexis, pg 52 para 6.33****).*

*46. F'dan ir-rigward it-tobba maħtura mill-Qorti jikkonkludu fost oħrajn li "no improvement in his condition is expected. There is no possibility that Mr Bellia can ever have a gainful employment….<u>In addition his 'quality of life' can only be described as very poor</u>" u li " The cognitive dysfunction suffered by Mr Bellia and which is permanent, with disturbance of memory, loss of initiative, inability to manage complex situations, <u>with repercussions on his social and family life"</u> (Ara supra xhieda tal-esperti mediċi Mr. Anthony Galea Debono u t-Tabib Etienne Muscat).*

*47. F'dan ir-rigward l-awtriċi* ***Giovanna Visitini*** *tagħmel referenza għall-prinċipji żvillupati mill-Qrati Taljani fejn fost oħrajn josservaw hekk:*

*"Il danno alla vita di relazione è un componente specifica del danno patrimoniale e implica una menomanzione della cosi detta capacità di concorrenza del individuo rispetto ad altri soggetti nei rapport socjali ed ekonomici." (Ara* ***Giovanna Visintini, Trattato Breve della Responsabbilità Civile, Cedam, ed 1997, pg 545****). F'dan ir-rigward din il-Qorti dejjem sostniet li għalkemm huwa minnu li dawn il-Qrati jimxu fuq il-prinċipji ta'* ***Butler -vs- Heard*** *kif evolvew maż-żminijiet, hemm aspetti*

*oħra fil-ħajja tal-individwu li ma humiex kalkolabbli bis-solitu formula stabbilita minn dawn il-Qrati. Fost oħrajn il-kwalità tal-ħajja li ser ikollu jisseffaq wiċċu magħha d-danneġġat għal bqija ta' ħajtu, it-telf tal-opportunitajiet ta' xogħol jew namra u r-relazzjonijiet tiegħu ma' membri oħra fis-soċjetà partikolarment ma' dawk tal-familja tiegħu. Il-prinċipju applikabbli f'każi ta' korriment huwa dak tar-restitutio in integrum li mhux dejjem ikun faċli jekk mhux ukoll impossibli. Għalhekk l-uniku mod kif jista' jkun ikkumpensat dan in-nuqqas bil-likwidazzjoni ta' somma pekunjarja li qatt ma tista' tissostitwixxi dak li ntilef għal dejjem. Għaldaqstant din il-Qorti qed tillikwida arbitrio boni viri f'dan ir-rigward is-somma ta' sitt elef ewro (€6,000).*

*48. F'kawżi bħal dawn il-Qrati dejjem jillikwidaw somma oħra msejħa lump sum payment li titnaqqas mill-ammont bħala lucrum cessans. Skont il-ġurisprudenza stabbilita, il-lump sum payment huwa dak ta' 20%. Dawn il-Qrati għallmu li dan għandu jitnaqqas f'dan il-perċentwal meta jkun għadda żmien qasir mill-event dannuż u s-Sentenza finali (ara* ***Sentenza fl-ismijiet Scicluna -vs- Meilaq PA 16 ta' Lulju, 2001). Fis-Sentenza tal-Prim Awla Caruana -vs- Camilleri PA ta"l-5 ta" Ottubru, 1993*** *il-Qorti ħasset li minn dan għandu jonqos xi 2% għal kull sena ta' dewmien. Ġie wkoll propost li m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża: "jekk id-danneġġant ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction" – (ara Sentenza fl-ismijiet* ***Agius -vs- Fenech 29 ta' Ottubru, 2003****). Fis-Sentenza tal-***Prim'Awla fl-ismijiet Mizzi -vs- Azzopardi tas-16 ta' Diċembru 2004*** *is-somma ġiet ridotta bi 18% għax kienu għaddew tliet snin, waqt li fil-***kawżi fl-ismijiet Spiteri -vs- Zammit Tabona App Ċiv Sup tas-16 ta' Marzu tal-1999 u Caruana A -vs- Camilleri App Ċiv Sup tas-27 ta" Frar 2004,*** *minħabba li għaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% ġie mnaqqas ukoll fis-Sentenza fl-ismijiet* ***Galea -vs- Piscopo PA 3 ta' Ottubru 2003****, 5% u* ***f'Scicluna vs Meilaq PA 16 ta' Lulju 2001*** *u 0% fil-kawżi* ***Turner – vs- Agius App Ċiv Sup 28 ta' Novembru 2003, Bonnici - vs- Gauci PA 15 ta' Settembru 1999 meta għaddew 15-il sena.*** *Il-Qorti tqis li din il-Kawża mxiet b'ċertu ċelerità u li l-partijiet ikkoperaw mal-Qorti. Tenut kont li din il-kawża ilha pendenti erbgħa snin, il-Qorti tħoss li l-lump sum payment għandu jkun dak ta' 18%.*

*49. Il-Qorti għalhekk sejra tillikwida danni kif ser jingħad:*

*€12,650 (qligħ annwali) x 8 (multiplier snin) = €101,200*

*70% (diżabbiltà permanenti) ta' €101,200 = €70,840*

*€70,840 - 18% (lump sum payment) = €58,089*

*€58,089 + €6000 (integrità fiżika) = €64,089*

*€64,089 + €2116 (damnum emergens) = €66,205 (Ammont finali tad-danni).*

> *50. Fl-aħħar nett din il-Qorti tirrileva li jkun aħjar għal dawk li jidħlu fil-qasam tal-kostruzzjoni li qabel jieħdu kors serju dwar is-saħħa tal-ħaddiema u terzi fuq il-lant tal-kostruzzjoni. Biex mingħalihom jiffrankaw mill-ispejjeż li ġġib magħha a safe system of work serja, ftit jintebħu, li z-zalza tista' tiġihom ogħla mill-ħuta. Iżda fuq kollox ma japprezzawx, li minħabba traskuraġni f'dan ir-rigward mhux biss ikunu qegħdin jeqirdu ħajja ta' bniedem iżda x'aktarx tal-familja tiegħu ukoll.»*

15. Il-konvenut Saviour Agius appella minn dik is-sentenza, b'rikors imressaq minnu fis-6 ta' Diċembru, 2023. L-appell tiegħu jissejjes fuq żewġ aggravji: (i) li l-Ewwel Qorti żbaljat meta sabet li l-attur jaħti għall-inċident li wassal għall-korriment tal-attur Francis Bellia; u (ii) li l-ammont tad-danni likwidati mill-Ewwel Qorti wkoll mhuwiex wieħed tajjeb, peress li jsostni li huwa wieħed esaġerat.

16. L-attur ressaq ir-risposta tiegħu għal dan l-appell fil-15 ta' Jannar, 2024, fejn ta r-raġunijiet għala l-appell kellu jiġi miċħud.

17. Wara li din il-Qorti rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Konsiderazzjonijiet:**

18. Illi kif sewwa ngħad mill-Ewwel Qorti, l-azzjoni attriċi hija msejsa fuq il-*culpa aquiliana.* Ir-regoli ġenerali applikabbli fi kwistjonijiet ta' stħarriġ ta' responsabbiltà f'każijiet ta' inċidenti fuq sit ta' kostruzzjoni

huma li kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bil-ħtija tiegħu (**Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili**) u li jitqies fi ħtija kull min fl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja (**Artikolu 1032(1) tal-Kodiċi Ċivili**), kif ukoll li jkun għamel jew naqas li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi (**Artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili).**

19. Barra minn hekk, il-prova tar-responsabbiltà ta' dak li ġara taqa' fuq min iressaq il-kawża. Il-fatt waħdu li persuna tkorri fuq sit ta' kostruzzjoni, ma jfissirx li sid il-post ta' kostruzzjoni għandu bilfors iġorr ir-responsabbiltà għal dak li ġara, jew li l-persuna li korriet teħles mill-ħtieġa li tipprova l-allegazzjoni tagħha.

20. Kif ingħad drabi oħra, fil-każ fejn persuna tallega li tkun ġarrbet ħsara minħabba l-għemil jew nuqqas tal-parti l-oħra, jeħtieġ li min jallega li ġarrab dannu jipprova kemm l-att jew nuqqas tal-persuna mixlija bir-responsabbiltà ta' dak l-għemil jew nuqqas, kif ukoll li d-danni mġarrba huma l-effett konsegwenzjali ta' dak l-għemil jew nuqqas. Għalhekk l-attur, f'kawża ta' danni, għandu l-obbligu li jipprova mhux biss l-aġir negliġenti jew nuqqas min-naħa tal-parti konvenuta, iżda wkoll in-ness bejn l-aġir tal-parti konvenuta u d-dannu mġarrab mill-istess attur (ara f'dan is-sens is-sentenzi ***Carmela Galea v. LIDL Malta Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Diċembru, 2021 u ***Giovanni Vella et v.***

***Michael Cilia*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fit-23 ta' Ġunju, 2004).

21. Din il-Qorti ser tibda billi tqis l-**ewwel aggravju tal-konvenut appellant**, dak fejn jattakka s-sejbien tar-responsabbiltà għall-inċident li ġarrab l-attur Francis Bellia. Isostni li l-Ewwel Qorti bħal donnha kienet preġudikata fil-konfront tiegħu, meta x'aktarx kienet intlaqtet minn kliem l-attur, u mal-ewwel qatgħetu bħala persuna li ma jirrispettax u ma jagħtix każ il-liġi. Min-naħa l-oħra l-istess Qorti ma kellhiex kliem ta' ċanfir fir-rigward tal-attur, li jingħad minnha li kien jagħmel jew "*iċekċek xi ħaġa*" li ma kinitx dikjarata mal-awtoritajiet tat-taxxa, meta ftit snin qabel kien iddikjarat medikament invalidu, tant li kien jieħu l-pensjoni tal-invalidità. Saħansitra, l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti żiedet €3,000 fis-sena fid-dħul tal-attur meta kienet qiegħda twettaq il-komputazzjoni tad-danni. Għalhekk il-konvenut appellant isostni li l-Ewwel Qorti ma qisitx il-karattri tal-partijiet fil-kawża bl-istess xiber u kienet nieqsa mill-oġġettività meħtieġa meta waslet għall-ġudizzju tagħha.

22. Il-konvenut appellant isostni li huwa stat ta' fatt li l-attur la kien impjegat u lanqas appaltatur tiegħu. Iżda l-attur kien jaqbad u jidħol fis-sit ta' kostruzzjoni tiegħu mingħajr permess u poġġa lilu nnifsu f'periklu ċar, ġaladarba Bellia kien qabel involut fil-qasam tal-kostruzzjoni meta kien jaħdem u allura kien jaf bil-perikli marbuta mas-siti ta' kostruzzjoni. Il-

konvenut jisħaq li kien jifhem il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti kieku Bellia kien impjegat tiegħu, iżda ladarba Bellia ma kellu x'jaqsam xejn miegħu u kien imur x'aktarx biex jakkwista xi materjal jew biċċa għodda b'xejn jew sabiex jgħaddi ż-żmien, ma jarax kif kellu jinżamm responsabbli għal dak li seħħ. Hawnhekk il-konvenut appellant jagħmel referenza għall-prinċipju ta' *volenti non fit iniuria* u jislet siltiet mill-ġurisprudenza sabiex isostni l-argument tiegħu.

23. Skont il-konvenut appellant lanqas ma jista' jingħad li dak li seħħ kien tort tiegħu għas-sempliċi raġuni li x-xatba ma kinitx imsakkra, peress li nuqqas ta' sokor ma jistax jiġi interpretat bħala xi stedina miftuħa sabiex wieħed jidħol f'sit ta' kostruzzjoni. Dan jingħad b'aktar enfasi minnu, meta wieħed iqis li ħadd ma qabbad lill-attur jitla' fejn tela', jew iserraħ fejn serraħ. Jisħaq li l-attur ma kienx impjegat, jew xi kuntrattur inkarigat minnu, li jidħlu fuq is-sit ta' kostruzzjoni fuq ordni tiegħu, bħala s-sid, iżda l-attur kien jidħol għax ried hu. L-attur ma kienx xi tifel avventuruż, bħalma kkunsidrat l-Ewwel Qorti, iżda kien persuna li jagħraf sew il-perikli marbuta ma' sit ta' kostruzzjoni. Wara kollox, kif ingħad mill-perit tekniku inkarigat mill-Maġistrat Inkwirenti: "*Francis Bellia ma kienx postu li jidħol fuq dak il-lant tax-xogħol*". Ħadd ma kien iġiegħel lil Bellia joqgħod ġej u sejjer fuq is-sit u l-fatt li ġieli kien joffrilu t-te ma jfissirx li b'daqshekk il-konvenut sar responsabbli għalih, daqslikieku kien xi ħaddiem minn tiegħu.

24. Il-konvenut appellant jisħaq li l-liġi applikabbli għal siti ta' kostruzzjoni kienet il-**Leġislazzjoni Sussidjarja 424.29** (illum tneħħiet), li daħlet fis-seħħ permezz tal-**Avviż Legali 281 tal-2004** u dan peress li jeħtieġ li wieħed iħares lejn kif kienet il-liġi fil-mument li seħħ l-inċident, jiġifieri fit-30 ta' Mejju, 2018, u li ma jistax jingħad li nkissret xi liġi li ma kinitx hemm f'dak il-mument. Isostni li wieħed lanqas jista' jippretendi li japplika xi sens komun li mhuwiex konformi mal-liġi, kif donnha għamlet l-Ewwel Qorti. Għalkemm il-liġi kienet issemmi bibien u gradi, ma jingħadx li dawn kellhom jinżammu magħluqa, anzi pjuttost kienet tenfasizza li r-rotot għall-ħruġ jinżammu liberi sabiex jintużaw f'kaz ta' emerġenza. Għalhekk l-ebda sens komun mill-perspettiva tal-Qorti m'għandu jipprevali fuq il-liġi, iżda l-Qorti hija marbuta li tapplika l-liġi. Wara kollox, jingħad mill-appellant li filwaqt li s-sens komun jista' jkun soġġettiv, il-liġi għandha eżistenza assoluta u hija oġġettiva, salv għall-interpretazzjoni tagħha fejn ikun meħtieġ. Għalkemm il-liġi żviluppat u llum hija aktar oneruża, wieħed ma jistax jippretendi li l-konvenut jinstab responsabbli għal xi ħaġa li dak iż-żmien ma kienx legalment marbut li jagħmel.

25. Dan iwassal għall-punt dwar l-injam li kien hemm fix-xaft fejn waqa' l-attur. Il-konvenut appellant jisħaq li huwa kien għamel l-ilqugħ skont il-liġi, kif kienet tirregolah u skont il-prassi ta' dak iż-żmien. Il-liġi kienet teħtieġ li jkun hemm ilqugħ, iżda ma kinitx tfisser kif kellu jsir l-ilqugħ.

Jingħad mill-appellant li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tgħid li kien hemm norma stabbilita meta din kienet għad trid tiġi stabbilita b'emendi futuri u għalhekk ma setgħetx tqis l-inċident mil-lenti tal-qafas leġislattiv li għandna llum, iżda l-akkadut jeħtieġ li jitqies fil-qafas legali applikabbli fil-jum meta seħħ l-inċident. Għalhekk jingħad li l-Ewwel Qorti żbaljat meta straħet fuq is-sens komun u fuq norma li kienet għad trid tiġi fis-seħħ, sabiex tgħabbih bir-responsabbiltà.

26. Il-konvenut appellant jagħlaq l-ewwel aggravju billi jisħaq li f'każ li dan kollu mhux biżżejjed sabiex l-attur jitgħabba bir-responsabbiltà sħiħa għal dak li seħħ, tal-inqas għandu jkun biżżejjed sabiex imqar jiġi dikjarat li l-attur kkontribwixxa sew għal dak li seħħlu.

27. Dwar id-dinamika tal-inċident, din il-Qorti tosserva li ħadd ma ra l-inċident iseħħ fil-waqt li l-attur waqa' għal isfel. Mix-xhieda tal-attur wara l-inċident jirriżulta li «*Dakinhar tal-inċident…mort ħdejn Salvu fejn ħadtlu te ieħor, f'dan il-ħin kien fit-tielet sular jarma għal xi xogħol, u jiena wara li għaddejtlu t-te, proċedejt bix-xogħol li qabbadni hu. Wara xi ħin għajtitli l-mara u jiena proċedejt biex ninżel lura fil-ground floor, jien niftakar li kif dort 'il ġewwa, minn hemm imbagħad ma niftakar xejn aktar.*» Fl-istqarrija mogħtija mill-konvenut lill-perit tekniku jingħad li huwa kien fil-pjan terren u f'daqqa waħda sema' ħoss li wara rriżultalu li kien l-attur li waqa' fix-xaft tal-*lift*[1]. Min-naħa l-oħra, jingħad mill-perit tekniku nkarigat mill-Maġistrat

[1] Ara paġna 133 tal-proċess.

Inkwirenti li «*Minn dak li ġie 'kkostatat deher li Frans mexa fuq il-bejt, ma rax il-fetħa tal-Lift Shaft u waqa' għal isfel… Għalkemm il-Lift Shaft kellu għeluq fil-bieb, dan ma kellux għeluq orizzontali, ċjoè tisqif temporanju f'kull sular.*[2]» L-iSpettur tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, Norbert Ciappara li wkoll mar fuq il-post dakinhar tal-inċident xehed li ġie muri minn fejn waqa' l-attur u jagħmel referenza għar-ritratt ta' minn fejn jingħad li waqa' l-attur[3] u li ħa r-ritratti fejn Agius qal li kien hemm l-injam. Ħa r-ritratti li juru li kien għad hemm musmar, iżda fuq in-naħa ta' barra u mhux ta' ġewwa tal-ħajt. Lil Ciappara ngħad mill-konvenut li huwa kien qiegħed jibni ħajt u li x'aktarx l-attur mar iserraħ mal-injam li kien hemm fil-fetħa tal-bokka tax-xaft.

28. Wara li din il-Qorti rat il-proċess voluminuż, tgħid li fejn ingħad mill-Ewwel Qorti li l-attur huwa bniedem li ma jirrispettax dak li tiddetta l-liġi, din ma kinitx xi impressjoni soġġettiva jew konsiderazzjoni fiergħa. Dan jista' jingħad minn din il-Qorti wara li rat il-kaxxa ta' *Onsite Inspection Reports* maħruġa mill-uffiċjal ta' saħħa u sigurtà nkarigat mill-istess konvenut[4], fejn bejn il-perjodu ta' Jannar 2018 u Novembru 2018, saru litanija ta' rapporti fejn bosta drabi nġibdet l-attenzjoni tal-konvenut li kien hemm nuqqasijiet fuq is-sit ta' kostruzzjoni, hekk kif beda l-iskavar. Fosthom jissemmew: "*Fall protection is to be installed where personnel*

[2] Ara l-pjanta f'paġna 138 tal-proċess.
[3] Ara ritratt numru 6 f'paġna 155 tal-proċess.
[4] Ara *boxfile* esibit mix-xhud Keith Debono f'paġna 118 tal-proċess.

*risk falling a height of two or more metres"* u "*Adequate fencing or border walls shall be erected as to prevent unauthorised people to enter site"*[5].

29. Dawn it-twissijiet komplew hekk kif kienu qegħdin isiru x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni[6] fejn il-protezzjoni ta' lqugħ kienet meħtieġa kull fejn kien hemm turġien, aperturi u bokok miftuħa, kif ukoll soqfa li setgħu jkunu ta' periklu f'dak li għandu x'jaqsam għoli ta' 'l fuq minn żewġ metri. L-aktar jitqiesu relevanti huma dawk maħruġa fix-xahar ta' qabel ma seħħ l-inċident, jiġifieri f'Mejju. Mir-ritratti mehmuża mar-rapport ta' saħħa u sigurtà[7] jirriżulta li għalkemm kien hemm xi ftit okkażjonijiet fejn il-konvenut kien beda jagħmel ilqugħ tal-injam f'xi aperturi u bokok, iżda kien għad hemm bosta nuqqasijiet li joffru periklu mhux biss lill-ħaddiema li setgħu kienu fuq is-sit, iżda wkoll għal kull min imur fuq is-sit, li jaqgħu mill-għoli. Hekk ukoll, ikkunsidrat li s-sit ta' kostruzzjoni kienet imdaqqsa, għalkemm hemm ritratt ta' xatba, kien hemm bosta perikli mad-dawra tas-sit li ma kellha l-ebda lqugħ u li kien jagħmilha faċli għall-persuni li jidħlu fuq is-sit ta' kostruzzjoni.

30. Jitqies mill-aktar importanti r-rapport maħruġ fid-29 ta' Mejju, 2018, jiġifieri lejlet li seħħ l-inċident, peress li jagħti stampa ċara ta' dak li kien hemm fuq is-sit ta' kostruzzjoni. Filwaqt li mir-ritratti hemm inklużi,

[5] Qegħdin jissemmew biss dawn in-nuqqasijiet li jitqiesu relevanti għall-każ taħt eżami, peress li kien hemm nuqqasijiet oħra.
[6] Ara rapporti li jibdew minn Marzu 2018.
[7] Ara rapporti tal-10, tal-15, tal- 24 u d-29 ta' Mejju, 2018.

jirriżulta li kien hemm ftit okkażjonijiet fejn il-konvenut adotta prattiċi li jitqiesu xierqa, ir-ritratti bin-nuqqasijiet jissuperaw bil-wisq u taħthom hemm indikat: *"Fall protection must be installed to prevent risks of falls into lift shafts…Where concrete shutter is being erected, fall protection near lift and shafts must be erected immediately… Fall protection is to be installed in all areas where concrete shutter is to be erected… Top-rails must be installed between 900mm and 1100mm above working surface. Mid rails between 450mm and 550 mm and toe boards at the working surface… Fall protection is to be installed in all stairways."*

31. Jidher li fix-xahar ta' Ġunju (jiġifieri wara li seħħ l-inċident) ingħatat imbottatura fix-xogħlijiet meħtieġa sabiex jitneħħa l-periklu mis-sit ta' kostruzzjoni[8], hekk kif in-nuqqasijiet li kien hemm marbuta b'rabta ma' lqugħ sabiex jiġu evitati waqgħat mill-għoli kienu qegħdin jiġu indirizzati aktar minn qabel u ntrama lqugħ mal-bordura tas-sit. Iżda bejn Lulju u Novembru, 2018, reġgħu bdew in-nuqqasijiet marbuta mal-ilqugħ fejn kien hemm turġien, aperturi u bokok miftuħa, li setgħu jkunu ta' periklu f'dak li għandu x'jaqsam ma' waqgħat minn ċertu għoli.

32. Dan kollu, jinsab korroborat ukoll mix-xhieda ta' Keith Debono, *Project Supervisor* tas-sit ta' kostruzzjoni inkarigat mill-istess konvenut[9] u

[8] Ara b'mod partikulari r-rapporti tal-11, tal-20 u tal-25 ta' Ġunju, 2018.
[9] Dan ix-xhud stqarr li ma baqax jaħdem mal-konvenut sal-aħħar tal-proġett peress li minkejja li kien jiġbidlu l-attenzjoni għall-affarijiet ta' sigurtà, dawn kienu jibqgħu ma jittranġawx (ara wara ta' paġna 92). L-istess xhud taħt kontroeżami jinsisti li minkejja li kien jiġbed l-attenzjoni tal-konvenut dwar in-nuqqasijiet, dan ma kienx jisma' minnu.

mix-xhieda ta' Norbert Ciappara, Spettur tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol[10]. Minn dan kollu jinżel, li din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti meta jingħad minnha li l-konvenut ma kien xejn ta' galbu fix-xogħol tiegħu. Dan fih innifsu kien għemil li ma jitqiesx dak ta' bniedem prudenti, diliġenti jew ta' ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, kif titlob il-liġi skont l-**Artikolu 1032 tal-Kodiċi Ċivili**.

33. Wieħed ma jistax jinsa li r-responsabbiltà għall-inċidenti fuq il-post tax-xogħol tmur lil hemm mir-relazzjoni ta' bejn il-ħaddiem u min iħaddmu (ara s-sentenza ta' din il-Qorti tas-7 ta' Novembru, 2024, fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Ellul v. Josef Aquilina et*** u dik fl-ismijiet ***Joseph Bonanno v. Malta Freeport Terminals Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2020). Għalhekk minkejja l-fatt li l-konvenut isostni li l-attur ma kienx impjegat tiegħu, ġaladarba l-istess konvenut kien jaċċetta li l-attur kien jidħol fuq is-sit ta' kostruzzjoni b'mod regolari, għal kwalunkwe raġuni, jekk hux sabiex jitolbu l-għodda, joffrilu ftit te, jew biex jagħmillu xi xogħlijiet żgħar, huwa xorta responsabbli għal min jidħol fuq is-sit.

34. Dan jingħad peress li fost il-provvedimenti tal-**Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol**[11], hemm l-**Artikolu 6** tal-Att kien jistabbilixxi li:

[10] Fuq mistoqsija tal-Ewwel Qorti ngħad minn dan ix-xhud li għalkemm kien hemm affarijiet fuq il-post, kien hemm in-nuqqasijiet (ara fuq wara ta' paġna 151).
[11] **Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta** li llum jinsab sostiwit bil-**Kap. 646 tal-Liġijiet ta' Malta**.

*«(1) Min iħaddem għandu dejjem jiżgura s-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem:*

***Iżda meta fit-twettiq ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, min iħaddem jagħmel użu minn servizzi jew persuni kompetenti minn barra, min iħaddem ma jkunx meħlus mid-dmirijiet applikabbli li joħorġu minn dan l-Att u mir-regolamenti magħmulin taħt dan l-Att**:*

…

*Il-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol, għandhom jittieħdu fuq il-bażi ta' dawn il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni li ġejjin, jiġifieri –*

*(a) **li jiġi evitat riskju;***
*(b) l-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;*
*(ċ) l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*
*(d) il-kontroll mill-bidu ta" dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*
*(e) **li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm***

***ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż b'dak li ma jkunx perikoluż jew li jkun anqas perikoluż**;»*

35. Filwaqt li r-**regolament numru 10 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 424.18 (Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol tas-sena 2003**[12]) kien jipprovdi li:

*«10.(1) Għandu jkun id-dmir ta' kull prinċipal u ta' kull persuna li taħdem għal rasha li tagħmel, jew li tiżgura li ssir, evalwazzjoni xierqa, suffiċjenti u sistematika tal-perikli għas-saħħa u s-sigurtà kollha li jistgħu ikunu preżenti fuq il-post tax-xogħol u r-riskji li jirriżultaw li jikkonċernaw l-aspetti kollha tal-attività tax-xogħol. **Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jikkunsidraw ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u ta' persuni li jaħdmu għal rashom li għalihom ikunu esposti waqt ix-xogħol, <u>kif ukoll ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà ta' persuni oħrajn, inklużi dawk li jżuru l-post tax-xogħol, liema riskji jirriżultaw mix-xogħol imwettaq, jew in konnessjoni miegħu, jew mit-tmexxija tal-impriża: …</u>**.»* (enfasi tal-Qorti).

[12] Dawn ir-regolamenti llum jinstabu taħt il-**Kap. 646**, ara **L.S. 646.11** u **Att XXXIII tal-2024**.

36. Kif ingħad mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza tagħha tal-10 ta' Lulju, 2006, fil-kawża fl-ismijiet ***Benjamin Sammut v. Meli Bugeja Company Limited,*** ir-responsabbiltà għall-inċidenti fuq il-post tax-xogħol ma tqumx biss mir-relazzjoni ta' bejn ħaddiem u min iħaddmu. Meta l-ambjent tax-xogħol qiegħed taħt il-kontroll ta' min jagħti x-xogħol, dan għandu d-dmir illi jagħmel dak li hu raġonevolment meħtieġ u prattiku biex jelimina jew, għall-inqas, inaqqas il-perikoli u r-riskji għal dawk li hu jqabbad biex jagħmlu xogħol fl-interess tiegħu f'dak l-ambjent. Il-kriterju għalhekk, huwa jekk il-post tax-xogħol huwiex taħt il-kontroll ta' min jagħti x-xogħol (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenzi tal-Qorti tal-Appell tat-13 ta' Mejju, 2020, fil-kawża fl-ismijiet ***John Muscat v. Camray Limited et*** u dik tal-25 ta' Frar, 2021, fil-kawża fl-ismijiet ***Geoffrey Tanti v. Panta Contracting Limited***).

37. Isegwi li l-argument tal-appellant fejn jisħaq li l-attur ma kienx ħaddiem impjegat miegħu jew appaltatur inkarigat minnu, ftit jista' jkun ta' fejda għall-appell tiegħu. Kull min ikollu taħt idejh il-kontroll tal-ambjent fejn ikun qiegħed jitwettaq xi xogħol, jibqa' xorta waħda mgħobbi bid-dmir ġenerali ta' *neminem laedere* (jiġifieri li ma jweġġa' lil ħadd), u għalhekk huwa mistenni li jagħmel dak kollu li jkun raġonevolment meħtieġ u prattiku sabiex jelimina, jew minn tal-inqas jevita kemm jista' jkun, il-perikli u r-riskji għal dawk li jkunu qegħdin jidħlu fis-sit taħt kontroll tiegħu.

38. Imiss l-argument tal-konvenut li ma jistax jinstab responsabbli għal xi ħaġa li ma kienx legalment marbut li jagħmel, f'dak li għandu x'jaqsam ma' lqugħ, u dwar jekk dan l-ilqugħ kellux isir fuq barra jew fuq ġewwa. Din il-Qorti tasal li taqbel li mhuwiex normali li emendi fil-liġi ċivili jingħataw effett b'mod retroattiv. Biss però l-Ewwel Qorti ma ħaddmet ebda liġi b'mod retroattiv. Jirriżulta li kien hemm wisq nuqqasijiet fuq is-sit ta' kostruzzjoni, li minkejja li l-konvenut inġibditlu l-attenzjoni għalihom mill-uffiċjal inkarigat minnu stess, u dan skont ir-regolamenti fis-seħħ f'dak il-mument li ġara l-inċident, il-konvenut baqa' ma ħax il-passi xierqa sabiex ineħħi l-perikli marbuta mas-sit tal-kostruzzjoni.

39. Ta' min josserva li fil-mument tal-inċident kienu fis-seħħ ir-**Regolamenti dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet Minimi tas-Saħħa u s-Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni**). Rilevanti għall-każ taħt eżami kienet l-**Iskeda IV, Part B, Sezzjoni II**, li f'dak li għandu x'jaqsam ma waqgħat mill-għoli kienet tipprovdi kif ġej:

> *«5.1 Waqgħat mill-għoli għandhom ikunu fiżikament evitati partikolarment permezz ta'* ***bennieni solidi*** *li jkunu għoljin biżżejjed u jkollhom ta' l-anqas bord tat-tarf, poġġaman ewlieni u poġġaman intermedju jew alternattiva ekwivalenti.»*

40. B'rabta ma' dan l-ilqugħ l-iSpettur Norbert Ciappara xehed: *«Għax is-sens komun jgħidlek jekk inti tagħmel l-ilqugħ, l-ilqugħ irid ikun jilqgħek…. Għalija kieku nkun qed narah jiena … ngħidlu aqilgħu minn hemm u itfgħu fuq ġewwa.»* Ġaladarba l-liġi fis-seħħ fil-waqt tal-inċident

titkellem dwar <u>bennieni solidi</u>, dan ifisser li meta l-Ewwel Qorti għamlet użu mill-kliem sens komun, dan sar b'rabta ma' dak li ngħad minn Ciappara, li meta wieħed iqis dak li tipprovdi l-liġi huwa tabilħaqq loġiku. Ilqugħ ta' njam fuq in-naħa ta' barra, kif donnu kien hemm fil-post minn fejn waqa' l-attur, qajla jista' jitqies bħala solidu li seta' jilqa' għall-waqgħat.

41. Minn dan kollu jirriżulta li l-konvenut kien negliġenti fit-twettiq tal-obbligi tiegħu, kemm taħt il-liġi ċivili, kif ukoll taħt il-liġi tas-saħħa u s-sigurtà tas-sit ta' kostruzzjoni. Bħala sid tas-sit ta' kostruzzjoni u bħala l-kuntrattur responsabbli mix-xogħlijiet, li kellu s-sit taħt il-kontroll tiegħu, kif hawn qabel imfisser, il-konvenut kellu mhux biss iqabbad min jagħmel evalwazzjoni tar-riskji, iżda kellu jieħu ħsieb ukoll li jwettaq dawk il-miżuri meħtieġa sabiex ineħħi jew inaqqas ir-riskji. Dan seta' jsir billi jadotta l-prattiċi xierqa kull fejn irriżulta meħtieġ u jneħħi l-periklu li kien jirriżulta evidenti mir-rapporti ta' Keith Debono. Dan il-fatt waħdu huwa biżżejjed biex inissel ir-rabta ta' bejn in-nuqqas tal-konvenut u l-ħsara mġarrba mill-attur.

42. Hekk ukoll, dwar l-ilment tal-konvenut li l-attur kien jaqbad u jidħol fuq is-sit ta' kostruzzjoni mingħajr permess, mill-provi rriżulta li l-attur ta' spiss kien jidħol fil-post[13]. Li kieku kien tassew minnu li l-konvenut ma

[13] Ara x-xhieda ta' Jonathan Calleja u tal-Perit David Psaila

riedx lill-attur jidħol, ibqa' ċert li kien jagħmel mezz li dan ma jidħolx u mhux iħallih jidħol għall-konvenjenza li jġiblu t-te sabiex imbagħad jingħad minnu li l-attur ma kellux permess jidħol. Il-verżjonijiet kunfliġġenti mogħtija mill-konvenut fir-rigward sa minn wara l-inċident[14] f'dan ir-rigward, ma huma tal-ebda fejda għalih.

43. Dwar il-prinċipju mqanqal mill-konvenut, dak ta' *volenti non fit iniuria,* kif ingħad f'għadd ġmielu ta' sentenzi, sabiex difiża bħal din tirnexxi, il-parti mħarrka jeħtiġilha turi li l-vittma mhux biss kienet taf bir-riskju involut, iżda wkoll kienet espressament (b'dikjarazzjoni) jew inkella impliċitament (bl-aġir tagħha) aċċettat li tirrinunzja għal kull jedd ta' reklam għad-danni li setgħet iġġarrab b'dak l-istess periklu (ara s-sentenza ta' din il-Qorti tas-7 ta' Novembru, 2024, fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Ellul v. Josef Aquilina et***, fejn saret referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet ***Charles Halliday et v. Alan Dimech Debono*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Jannar, 2009).

44. Għalkemm din il-Qorti m'għandhiex dubju li l-attur daħal fis-sit ta' kostruzzjoni b'mod volontarju, u jista' jingħad li kellu għarfien tar-riskji marbuta ma' sit ta' kostruzzjoni, kemm minħabba li fil-passat huwa kien jaħdem fil-qasam, kif ukoll mid-diskors li ngħad minnu dwar in-nuqqasijiet li kien jara b'għajnejh fuq l-imsemmi sit ta' kostruzzjoni, b'daqshekk però

[14] Ara l-istqarrija tal-konvenut quddiem il-Perit Tekniku Richard Aquilina f'paġna 134 tal-proċess u dik mogħtija lill-iSpettur tas-Saħħa u s-Sigurtà wara l-inċident f'paġna 166 tal-proċess.

dan ma jfissirx li sar xi ftehim bejn l-attur u l-konvenut li jekk jiġri xi ħaġa lill-attur, huwa kien qiegħed jieħu fuqu r-riskju għal kull telf li jista' jsofri, jew li kien qiegħed jeħles lill-konvenut minn kull responsabbiltà li jieħu l-miżuri ta' sigurtà meħtieġa fuq sit ta' kostruzzjoni, kif kien obbligat li jagħmel.

45. Min-naħa l-oħra, sabiex jista' jingħad li l-parti mġarrba nnifisha taħti għall-ħsara li tkun ġratilha, jeħtieġ li jintwera li l-parti mġarrba minn għemil ta' ħaddieħor trid tkun għamlet xi ħaġa hija stess li bis-saħħa ta' dak l-għemil qatgħet ir-rabta bejn l-għemil oriġinali bħala l-kawża u d-dannu mġarrab bħala l-effett ta' dik il-kawża. Jista' jkun hemm din il-kontributorjetà wkoll fejn ir-rabta kawżali ma tinqatax għalkollox, imma tkun waħda li tagħti lok għal tnaqqis tal-effetti tar-responsabbiltà ewlenija (ara s-sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' Ġunju, 2024, fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Farrugia et v. Mario Magri***).

46. Għal dak li jirrigwarda d-difiża tal-kontributorjetà jgħodd l-**Artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili**, li bis-saħħa tiegħu n-negliġenza tal-parti li tbati l-ħsara tnaqqas mill-ħtija tad-danneġġant. Mill-mod kif inhi l-liġi llum fis-seħħ f'dan ir-rigward, m'hemm l-ebda regola fissa jew determinanti li tgħid kemm għandu jkun dak il-proporzjon (ara Appell Ċivili 20 ta' Jannar, 1964 fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Galdes v. Victor Micallef***), u dan għaliex id-diskrezzjoni li hija mħollija f'idejn il-Qorti għandha tinbena fuq iċ-

ċirkostanzi partikolari tal-każ u l-provi riżultanti (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-31 ta' Jannar, 2003 fil-kawża fl-ismijiet ***Onorato Bugeja v. Dennis Agius***).

47. Jista' għalhekk ikun li l-kontributorjetà għall-ħsara tkun tali li tkun għalkollox determinanti bħala kawża u effett u b'hekk tneħħi kull rabta ta' ħtija minn fuq il-persuna li setgħet ikkawżat dik il-ħsara (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-3 ta' Ottubru, 2003 fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Fenech v. Rook Construction Ltd et***). Dan kollu ma jneħħi xejn mis-siwi tal-prinċipju tad-dritt proċedurali li *onus incumbit ei qui dixit*, u għalhekk l-allegazzjoni tal-kontributorjetà tal-persuna mġarrba trid tkun ippruvata kif imiss mill-persuna li tallegaha (ara s-sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Marzu, 2024 fl-ismijiet ***L-Avukat Dottor Johnathon Abela nomine v. Maria Spiteri***).

48. Minħabba li kull inċident għandu l-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, wieħed ma jistax jgħid minn qabel fiex tkun tikkonsisti l-kontributorjetà min-naħa tal-persuna mġarrba. Madankollu, b'linja ta' prinċipji ġenerali, wieħed jista' jqis li jkun hemm kontributorjetà fejn il-vittma tqiegħed lilha nnifisha fil-periklu li tkorri jew li ġġarrab ħsara (ara, b'eżempju, is-sentenza maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2001 fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Micallef et v. John Pisani et nomine***). Bosta drabi, din l-imġiba trid tkun saret bir-rieda tal-persuna mġarrba u

timxi id f'id mal-massima li *volenti non fit iniuria*. Illi kif ingħad f'ċirkostanzi oħrajn bħal dawn: «*Negligence depends on a breach of duty, whereas contributory negligence does not. Negligence is a man's carelessness in breach of duty to others. Contributory negligence is a man's carelessness in looking after his own safety. He is guilty of contributory negligence if he ought reasonably to have foreseen that, if he did not act as a reasonable prudent man, he might hurt himself*» (***Froom v. Butcher* CA QB 286 (1976) per Denning LJ**) (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili deċiża fis-27 ta' Jannar, 2022 fl-ismijiet ***Martin Costa v. Jonathan Bugeja***).

49. Fil-każ tal-lum, ir-responsabbiltà tal-attur Francis Bellia li juża l-għaqal meħtieġ u li jieħu ħsieb tiegħu nnifsu meta daħal fuq is-sit tal-kostruzzjoni, mhux biss jitnisslu mill-prinċipji ġenerali tal-liġi li l-Qorti għadha kif tirreferi għalihom, iżda wkoll meta wieħed iqis li l-attur qabel ma rtira kien jaħdem fil-qasam tal-kostruzzjoni meta fi kliemu kien jaħdem ta' kaħħal, fil-ġebel, fil-madum u fil-qasam ta' kostruzzjoni tul ħajtu kollha, u aktar minn hekk, isostni li kien jagħmel xi xogħlijiet żgħar għall-konvenut.

50. Dan jingħad peress li l-attur ukoll kien obbligat li jħares is-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu (**Artikolu 7(1) tal-Att Dwar l-Awtorità Għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol**), b'mod partikolari billi

joqgħod moħħu hemm f'dak kollu li jkun qiegħed jagħmel, kif ukoll illi joqgħod attent sabiex ma jpoġġix lilu nnifsu f'riskju bla bżonn. Aktar u aktar meta fi kliem l-istess attur, kien konxju li fuq is-sit ta' kostruzzjoni kien hemm ċertu nuqqasijiet, tant li jingħad li huwa stess kien ġibed l-attenzjoni tal-konvenut sabiex jagħlaq ix-xaftijiet peress li kienu ta' periklu[15]. Fil-fehma tal-Qorti, dan in-nuqqas tal-attur iġorr miegħu ċertu piż. Bħala persuna ta' esperjenza fil-qasam tal-kostruzzjoni, l-attur żgur u mhux forsi seta' jobsor bil-periklu li jkun hemm f'postijiet bħal dawn. Huwa stess jixhed li maż-żmien sar aktar konxju ta' dan.

51. Rilevanti dwar ir-responsabbiltajiet tal-ħaddiem fuq il-lant tax-xogħol huma s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell fil-kawżi fl-ismijiet: ***Alexander Ciantar v Malta Freeport Terminals Limited*** mogħtija fit-30 ta' Marzu, 2022, ***Yordan Shterev v. Vassallo Builders Group Limited*** mogħtija fis-16 ta' Diċembru, 2019 u ***Barkeib Abdulmajead Asad Elmajead v. Auto Mechanical Engineering Services Limited*** mogħtija fl-20 ta' Lulju, 2020).

52. Minn dan jinżel li għandu raġun il-konvenut appellant f'dan l-argument tiegħu u għalhekk tqis xieraq li l-attur iġorr parti mir-responsabbiltà għall-inċident li ġarrab. Tqis li fiċ-ċirkostanzi tal-każ, perċentwal ta' 10% kontributorjetà huwa wieħed ġust.

[15] Ara Dok. AFF1 f'paġna 31 tal-proċess.

53. Hekk ukoll għandu raġun il-konvenut appellant sa fejn jilmenta li l-Ewwel Qorti ma użatx l-istess kejl meta għalkemm għarfet li l-attur kien jieħu l-pensjoni tal-invalidità, aċċettat li huwa kien jagħmel xi xogħlijiet oħra żgħar. Tassew għandu raġun il-konvenut li l-Ewwel Qorti ma messha qatt żiedet fid-dħul li kellu l-attur appellat sabiex tagħmel tajjeb għal din il-konsiderazzjoni. Madankollu, fil-fehma ta' din il-Qorti, jkun xieraq li din il-materja tiġi mistħarrġa aħjar taħt it-tieni aggravju.

54. Dan iwassal għall-eżami tat-**<u>tieni aggravju tal-konvenut appellant</u>**, dak li fih jilmenta dwar id-danni likwidati mill-Ewwel Qorti. Filwaqt li l-konvenut appellant m'għandux ilmenti dwar id-danni attwali *(damnum emergens),* isostni li t-telf ta' qligħ (*lucrum cessans*) likwidati mill-Ewwel Qorti huma bbażati fuq prinċipji li jmorru kontra kull norma magħrufa u ġurisprudenza stabbilita. Jilmenta li l-Ewwel Qorti adottat *multiplier* ta' tmien snin għall-attur li kellu 65 fil-mument li seħħ l-inċident, u li sa minn ferm qabel l-inċident kien jieħu l-pensjoni tal-invalidità. B'hekk l-attur spiċċa ħa somma kbira u aktar vantaġġuża meta mqabbla ma' każijiet oħra.

55. Il-konvenut appellant jisħaq li hekk kif skont l-**Att dwar is-Sigurtà Soċjali** tfisser kif persuna intitolata għall-pensjoni tal-invalidità hija dik il-persuna li tkun inkapaċi, skont l-istess **Att**, li tidħol għal impjieg regolari

jew li taħdem għaliha nnifisha minħabba marda serja jew ħsara fiżika jew mentali (minbarra marda mentali ħafifa jew xi disturb) ikun inġust, illoġiku u kontradittorju li għall-iskop tal-liġi tad-danni akwiljani titqies kapaċi li taħdem u b'hekk tieħu l-benefiċċji tad-danni. Issir referenza għall-ġurisprudenza fejn f'każ simili, ingħata qies ta' dan u l-Qorti tat b'madwar terz anqas minn dak li kien jirċieivi kieku ma kienx jeżisti dak il-fatt. Fil-każ taħt eżami għalkemm l-Ewwel Qorti llikwidat ammont *arbitrio boni viri,* ma semmietx dan it-tnaqqis. Għalhekk isostni li l-kwistjoni tal-invalidità kellha taffetwa jew il-*multiplier* jew l-ammont totali.

56. Il-konvenut appellant jisħaq li persuna li tkun qiegħda tieħu l-pensjoni tal-invalidità ma tistax taħdem u hekk kif tibda taħdem, tieqaf tikkwalifika għal din il-pensjoni. Dan apparti li min jaħdem mhux biss irid jirreġistra l-impieg tiegħu mal-awtoritajiet, iżda jrid iħallas it-taxxi u l-kontibuzzjonijiet soċjali mill-qligħ tiegħu. L-Ewwel Qorti mhux talli ma qisietx din l-illegalità, talli ppremjat lill-attur u saħansitra żiedet *arbitrio boni viri* s-somma ta' €3,000 mal-pensjoni sabiex ikkalkulat id-danni fuq dħul totali ta' €12,650. Jilmenta wkoll li l-prinċipju ta' *arbitrio boni viri* ma jistax jintuża sabiex jiġi sanat nuqqas ta' xi ħadd li jressaq prova dwar id-dħul tiegħu. Iżda f'dan il-każ lanqas setgħet issir il-prova tal-qligħ peress li d-dħul kien illegali. Għalhekk l-Ewwel Qorti tat vantaġġ lill-attur fuq dħul illegali taħt il-kappa ta' *arbitrio boni viri.*

57. Ilment ieħor tal-konvenut appellant huwa dak fejn jattakka d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li tat lill-attur €6,000 bħala integrità fiżika. Hu jisħaq li din ma toħroġ minn ebda prinċipju Malti u fil-fatt l-Ewwel Qorti tiġġustifikah b'referenza għal liġijiet u awturi Taljani u Ingliżi. Jinsisti li l-ġurisprudenza Taljana u Ingliża ma torbotx lill-qrati tagħna u wisq inqas wieħed jista' jsib wens f'prinċipji li huma ineżistenti fil-liġi Maltija. Jagħmel referenza għall-ġurisprudenza li teħtieġ li wieħed joqgħod attent meta jistrieħ fuq liġi u duttrina barranija, sabiex isaħħaħ l-argument tiegħu li l-Ewwel Qorti straħet fuq kunċett li mhuwiex siewi fis-sistema lokali. Għalhekk jinsisti li l-Ewwel Qorti sgarrat mhux ftit meta l-għan tal-liġi tad-danni akwiljani hija r-*restitutio in integrum,* iżda tat lill-attur ferm aktar minn dak li tilef.

58. Nibdew bl-ilment tal-konvenut dwar il-*multiplier*. Minkejja li l-attur kellu 65 sena fil-mument li seħħ l-inċident, mill-provi rriżulta b'mod ċar li huwa kien għadu attiv, l-aktar sa fejn jidħlu l-bżonnijiet tal-familja u jgħix ħajja indipendenti, kif ukoll kien iwettaq xi xogħlijiet żgħar.

59. Huwa minnu li normalment f'każijiet bħal dawn, fil-kejl tal-*multiplier* għandu jittieħed qies tal-età tad-danneġġat fil-mument li seħħ l-inċident u ġarrab il-ġrieħi (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Yordan Shterev v. Vassallo Builders Group Limited*** maqtugħa fis-16 ta' Diċembru, 2019). Madankollu jibqa' l-fatt li l-għan wara l-eżerċizzju li trid

tagħmel il-Qorti f'każijiet bħal dawn huwa li tfittex li tqiegħed kemm jista' jkun lil dak li korra fl-istess stat li kienet qabel l-inċident (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-17 ta' Ottubru, 2017, fl-ismijiet ***John Scolaro v. Anthony Grech Pollacco sive Tony Grech nomine*** li ma kinitx appellata).

60. F'dik is-sentenza ngħad ukoll li għalkemm illum huwa aċċettat u approvat mill-Qrati tagħna li l-*multiplier* ikun jaqbel sew mal-età tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji, huwa daqstant minnu li l-kejl tal-*multiplier* intuża wkoll mill-Qrati tagħna fejn l-età tal-persuna korruta kienet qabżet l-età tal-irtirar mix-xogħol u minkejja li l-vittma ma kinitx taħdem bi qligħ minnufih qabel l-inċident. Dan ifisser ukoll li l-kejl tal-*multiplier* ma jintrabatx lanqas u ta' bilfors esklussivament mat-tul tal-ħajja tax-xogħol tal-parti mġarrba. Dik il-Qorti kkunsidrat ukoll li kieku kien hekk, dan kien ifisser li l-attur li kellu 66 sena f'dak il-każ kien jitlef kull jedd għall-ħlas ta' kumpens, minħabba li meta weġġa', kien diġà ilu pensjonant madwar ħames snin. Madankollu f'dak il-każ ġie applikat *multiplier* ta' 8 snin.

61. Minn dan jinżel li din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti meta f'dan il-każ ukoll ġie applikat il-*multiplier* ta' 8 snin. Din il-Qorti temmen li l-kejl xieraq tal-*multiplier* m'għandux jintrabat fl-għama mal-kriterju tal-ħajja lavorattiva tal-vittma, wara kollox, bniedem li hu pensjonant xorta għandu s-setgħa li jaħdem u dan fih innifsu għandu

valur ekonomiku. Ġie mtenni mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha tal-31 ta' Mejju, 2012 fl-ismijiet ***Rita Farrugia et v. Carmelo Scicluna et*** li: *«Il-kriterju tal-multiplier ma jintemmx hekk kif persuna tagħlaq l-età tal-irtirar mix-xogħol u lanqas il-Qrati tagħna ma jidher li ħaddnu din il-fehma (ara per eżempju, sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Frar, 2007 fil-kawża fl-ismijiet* **Emanuele Buhagiar v. Kyle *Stone et***, *u oħra tal-Qorti tal-Maġistrati (Ġurisdizzjoni Superjuri) tal-25 ta' Jannar, 2008 fil-kawża fl-ismijiet* **Emanuel Conti v. Salvu Mifsud** *(mhux appellata)).»*

62. Ngħaddu għall-kwistjoni tal-pensjoni tal-invalidità li kien jirċievi l-attur qabel ma seħħ l-inċident taħt eżami. Mill-provi rriżulta li tabilħaqq l-attur applika għall-pensjoni tal-invalidità[16] u li mal-applikazzjoni hemm mehmuż ċertifikat mediku li fih jingħad li minħabba l-problemi li kellu f'dahru «*Mr. Bellia is not fit to do any kind of work*»[17]. Dan wassal sabiex l-attur jieħu l-pensjoni tal-invalidità sa mis-sena 2005[18]. Min-naħa l-oħra, l-attur xehed li minkejja li rtira baqa' jagħmel xi xogħlijiet żgħar kemm għal tal-familja, kif ukoll dak li jsejjaħ bħala "*one-offs*" għal xi nies oħra, fosthom il-konvenut.

[16] Ara paġna 546 tal-proċess,
[17] Ara wara ta' paġna 550.
[18] Ara xhieda ta' Saviour Theuma f'paġna 542 tal-proċess.

63. Din il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-appellant fejn jingħad minnu li ladarba l-attur kien jitqies inkapaċi skont l-**Att dwar is-Sigurtà** mela allura jkun anomalu li titqies kapaċi għall-iskop tal-liġi tad-danni akwiljani. Fil-fehma tal-Qorti dawn huma żewġ affarijiet distinti. Ta' min jinnota wkoll li meta l-Ewwel Qorti qieset id-dħul li kellu l-attur mill-pensjoni, hija bbażat il-kalkoli tad-dħul tal-attur fuq dak li kellu mill-pensjoni fl-2021 (€9,652.20[19]) u mhux mid-dħul totali li kellu l-attur mill-pensjoni (€12,074 li tinkludi l-pensjoni tal-invalidità fl-ammont ta' €2,421.40[20]).

64. Min-naħa l-oħra, kif ingħad minn din il-Qorti fis-sentenza tal-25 ta' April, 2024, fil-kawża fl-ismijiet ***Roberta Cassar proprio et nomine v. Polidano Brothers Limited***:

> *«…għall-għanijiet tal-likwidazzjoni tad-danni mġarrba mill-atturi, din il-Qorti mhijiex lesta li tqis dħul li Louis Cassar ma kienx lest li jiddikjara u jħallas it-taxxa dwaru (ara* ***Vincent Debrincat et v. Mary Rose mart Joseph Vella et*** *maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta" Marzu, 1992 u* ***George Cardona et v. Ferdinandu sive Randu Zammit et*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Marzu, 2009).*
>
> *43. Tassew, min jidħol f'avventura bil-ħsieb li jqarraq bil-liġi m'għandux ikollu s-serħan tal-moħħ li jekk l-avventura tmurlu ħażin ikun jista' jinqeda bil-liġi biex jieħu lura dak li tilef. Il-biża li jibqa mingħajr il-ħarsien tal-liġi huwa disinċentiv b'saħħtu għal min jiġih il-ħsieb li jqarraq u m'għandhiex tkun il-liġi stess li tneħħi dan id-disinċentiv għal min ikun irid iqarraq biha (ara* ***Melita Insurance Brokers Limited v. Joseph Fenech et*** *mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Ottubru, 1997 u* ***Mediterranean Trading Shipping Company Limited et v. Tristar Freight Services Limited*** *maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar, 2018).*

[19] €8,821.76 + €830.44.
[20] Ara Dok. ST 2 f'paġna 545 tal-proċess.

*44. Kif tajjeb poġġietha l-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet* ***L-Avukat Dottor Tonio Fenech et noe v. L-Avukat Dottor Patrick Spiteri pro et****, li ġiet deċiża fil-15 ta' Novembru, 2023:*

> *«Issir fejn issir, l-evażjoni fiskali hija dejjem inaċċettabbli, bi ħsara għall-interess ġenerali u għalhekk kontra l-ordni pubbliku u l-għemil xieraq. Aktar u aktar huwa kontra l-ordni pubbliku u kull għemil xieraq, il-ħasil ta' flus li huma ġejjin minn evażjoni fiskali ... Għalkemm veru li mhuwiex xogħol dawn il-Qrati li jagħmlu dak li jagħmlu l-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali, tibqa xorta waħda r-responsabbiltà ta' dawn il-Qrati li jassiguraw li kull min, intenzjonalment, jevadi t-taxxa u jirrikorri għal strutturi finanzjarji bil-għan li jipprova jagħti bixra aktar legali lil flusu, m'għandux ikollu s-serħan tal-moħħ li meta jfiġġ il-maltemp, ser isib l-għajnuna tal-Qrati u tal-Liġi. Il-biża li wieħed jibqa mingħajr il-ħarsien tal-liġi għandha tgħin biex disswadi lin-nies in ġenerali li jwettqu negozju bil-ħsieb li jevadu t-taxxa, u għalhekk m'għandhiex tkun il-liġi stess jew inkella din il-Qorti, li b'sens ta' ħniena tneħħi dan id- disinċentiv (Ara b'eżempju* ***George Seychell v. Spring Valley Co. Limited****, deċiża minn din il-Qorti fit-2 ta" Marzu, 2018, u l-ġurisprudenza hemmhekk imsemmija).»*

*45. Din il-Qorti ma tista' tqis l-ebda forma ta' qligħ futur, li ma kienx ħa jiġi ddikjarat mal-awtoritajiet fiskali għaliex inkella l-Qorti stess tkun qiegħda tagħti l-barka tagħha biex it-taxxa ma tiġix iddikjarata. Ħaġa li m'għandhiex tkun għaliex il-Qrati tal-Ġustizzja qegħdin hemm biex jiżguraw li l-liġijiet jiġu obduti u mhux biex dawn il-liġijiet jiġu miksura. Jiġi b'hekk, li din il-Qorti mhijiex lesta taħdem il-likwidazzjoni ta"d-danni fuq qligħ illeċitu li ma ġiex iddikjarat mal-awtoritajiet fiskali għaliex hija mhijiex lesta' li tkun kompliċi f'evażjoni tat-taxxa.»*

65. Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji, ikkunsidrat li l-attur kien qiegħed jirċievi l-pensjoni tal-invalidità li ngħatat wara li ġie ddikjarat li l-attur ma seta' jagħmel l-ebda xogħol, din il-Qorti ma tqisx xieraq l-eżerċizzju tal-Ewwel Qorti fejn żiedet €3,000 għad-dħul minn xogħlijiet żgħar li seta' jagħmel l-attur mad-dħul mill-pensjoni sabiex tagħmel tajjeb għat-telf ta' qligħ li seta' ġarrab l-attur konsegwenza ta' dan l-inċident.

66. Jonqos l-aħħar punt imqanqal mill-konvenut appellant, dak dwar is-somma ta' €6,000 li ngħatat lill-attur għall-integrità fiżika b'rabta mal-prinċipju ta' *restitutio in integrum.* Jiġi nnutat li l-Ewwel Qorti tat din is-somma b'rabta ma' dak li sejħet bħala aspetti oħra tal-ħajja. L-Ewwel

Qorti adottat rata ta' diżabbiltà permanenti ta' 70%, iżda osservat li t-tnaqqis fil-kwalità tal-ħajja li ser ikollu jsaqqaf wiċċu magħha l-attur u telf ta' opportunitajiet ta' xogħol jew namra u r-relazzjonijiet tiegħu ma' membri oħra fis-soċjetà, kif ukoll mal-familja tiegħu. Dan wara li l-istess Qorti nnutat li skont r-rapporti tal-espert mediċi maħtura minnha, ġiet stabbilita minn Mr Anthony Galea Debono, diżabilità newroloġika fil-perċentwal ta' 75%[21], filwaqt li l-Psikjatra Tabib Etienne Muscat sab li «*Mr. Bellia's injury and its aftermath have led to a combined psychiatric disability of 70%.*[22]»

67. Minn qari tar-rapport tal-psikjatra jirriżulta li dan il-perċentwal ġie stabbilit wara li ttieħed qies ta' diversi fatturi, fosthom kemm minħabba t-telf tal-memorja, diffikultà li jiffaċċja l-ħajja wara t-telf ta' indipendenza li kellha effett fuq il-ħajja soċjali u relazzjonijiet mal-familjari tiegħu, kif ukoll għall-bidla fil-burdati u l-ansjetà li minnhom ibati l-attur bil-kambjament li ġab miegħu l-inċident. Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti minflok li tagħti somma għall-integrità fiżika separata, kien ikun aħjar li tgħaqqad id-diżabbiltajiet b'sistema aktar oġġettiva, minflok iddur fuq kalkolu *arbitrio boni viri* għal dawk li huma danni psikoloġiċi. Wara kollox, jirriżultaw il-provi fl-atti (jiġifieri r-relazzjoni tal-esperti mediċi inkluż dik psikjatrika) li l-inċident kellu impatt fuq il-ħajja tal-attur b'tali mod li kkawża ħsara mhux biss fiżika, iżda wkoll psikika.

---

[21] Ara paġna 220 tal-proċess.
[22] Ara paġna 842 tal-proċess.

68. Kif ingħad drabi oħra minn dawn il-Qrati, meta persuna ssofri gradi ta' diżabbiltà permenanti, għandu jiġi addottat kriterju ta' *weighted average*. B'dak il-metodu *«.... għandu jittieħed bilanċ tar-riżultanzi tal-esperti mediċi biex dan ikun jirrifletti aħjar is-sitwazzjoni reali tad-danneġġjat»* (ara s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell tas-26 ta' Ottubru, 2022, fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Camilleri et v. Construct Furniture et*** u dik tal-31 ta' Jannar 2014, fl-ismijiet ***Brian Micallef v. Brian Tyre Services Limited***).

69. Skont is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Rhys Ellul Sullivan v. Zachary Vella*** tal-4 ta' Mejju, 2022, il-*weighted average* f'din il-kawża kellu jiġi kalkolat hekk: (75x75) + (70x70) = 10,525 ÷ (75+70) = 72%. Biss però, l-attur ma ressaq l-ebda appell u għaldaqstant din il-Qorti hija mxekkla milli tbiddel ir-rata mħaddma mill-Ewwel Qorti.

70. Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti tqis li għalhekk il-konvenut m'għandux jiġi kkundannat iħallas is-somma ta' €6,000 billi l-eżerċizzju mwettaq mill-Ewwel Qorti seta' kien mħaddal fil-kalkolu tal-*lucrum cessans*.

71. Għalhekk din il-Qorti ser tilqa' f'parti minnu dan l-aħħar aggravju tal-konvenut sabiex il-*lucrum cessans* dovut lill-attur qiegħed jiġi maħdum mill-ġdid kif ġej:

€9,650 dħul x 8 snin *multiplier* = €77,200

€77,200 x 70% rata' ta' diżabbiltà = €54,040

€54,040 - 18% *lump sum*[23] = €44,312.80

72. Ma' dan l-ammont jeħtieġ li jiżdiedu d-danni attwali jiġifieri €44,312.80 + €2,116 = €46,428.80. Naturalment minn dan l-ammont jeħtieġ li jitnaqqas il-perċentwal ta' 10% minħabba l-ħtija kontibutorja tal-attur li nstabet aktar 'il fuq f'din is-sentenza: €46,428.80 – €4,642.88 (ħtija kontributorja tal-attur) = €41,785.92.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet hawn fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **<u>tilqa' f'parti minnu</u>** l-appell tal-konvenut u tvarja s-sentenza appellata, billi:

---

[23] Ma sar l-ebda appell mid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti dwar ir-rata ta' dan it-tnaqqis.

i. Tiddikjara li l-konvenut għandu disgħin fil-mija (90%) tar-responsabbiltà għall-inċident mertu tal-kawża, filwaqt li hemm ħtija kontributorja tal-attur ta' għaxra fil-mija (10%);

ii. Tillikwida d-danni li l-konvenut għandu jħallas lill-attur fl-ammont ta' wieħed u erbgħin elf, seba' mija u ħamsa u tmenin ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€41,785.92);

iii. Tikkundanna lill-konvenut iħallas l-imsemmi ammont lill-attur, bl-imgħax mid-data tas-sentenza appellata sal-ħlas effettiv.

L-ispejjeż tal-proċeduri kemm quddiem l-Ewwel Qorti, kif ukoll l-ispejjeż tal-appell jitħallsu skont il-proporzjon ta' ħtija ta' kull parti jiġifieri disgħin fil-mija (90%) mill-konvenut u għaxra fil-mija (10%) mill-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss